



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 15 ta' Mejju 2014
(OR. en)**

9825/14

Fajl Interistituzzjonal:
2011/0184 (APP)

**RESPR 15
FIN 358
CADREFIN 78
POLGEN 65**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	5467/14 RESPR 2 FIN 42 CADREFIN 5 POLGEN 10
Nru dok. Cion:	16847/11 RESPR 15 FIN 881 CADREFIN 132 POLGEN 191 - COM(2011) 740 final
Suġġett:	Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea - <i>Adozzjoni</i>

1. Fid-9 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta ta' hawn fuq lill-Kunsill. Ir-Regolament propost tal-Kunsill jagħmel parti minn pakkett ta' proposti dwar sistema ġidha tar-riżorsi proprji mwettqa fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid 2014-2020, flimkien mal-proposta emendata tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea¹ u l-proposta emendata tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (Tfassil mill-ġdid).²

¹ Dok. 16846/11.

² Dok. 16848/11.

2. Ir-Regolament propost jistabbilixxi miżuri ta' implemantazzjoni għas-sistema tar-riżorsi prɔpriji tal-Unjoni, kif previst fid-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi prɔpriji tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
3. Il-Qorti Ewropea tal-Audituri adottat opinjoni¹ dwar il-proposta tal-Kummissjoni fl-20 ta' Marzu 2012. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew adotta opinjoni² dwar il-proposta fid-29 ta' Marzu 2012.
4. Fit-22 ta' Jannar 2014, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni laħaq qbil fil-prinċipju dwar it-test tal-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi prɔpriji tal-Unjoni Ewropea kif propost mill-Presidenza³, soġġett għar-reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti.
5. Fis-17 ta' Frar 2014, il-Kunsill qabel li jibgħat it-test rivedut⁴ lill-Parlament Ewropew għall-kunsens tiegħi.
6. Fis-16 ta' April 2014, il-Parlament Ewropew adotta l-kunsens⁵ tiegħi dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi prɔpriji tal-Unjoni Ewropea.
7. Fil-5 ta' Mejju 2014, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżorsi Propriji ħa nota tal-kunsens tal-Parlament Ewropew.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni hu għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta t-test tal-abbozz ta' Regolament li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi prɔpriji tal-Unjoni Ewropea, finalizzat mill-ġuristi-lingwisti kif jidher fid-dok. 5600/14 RESPR 4 FIN 52 CADREFIN 10 POLGEN 13 + COR 1 (fr) + REV 1 (sl) + REV 2 (hr).

¹ ĠU C 112, 18.4.2012, p. 1.

² ĠU C 181, 21.6.2012, p. 45.

³ Anness għad-dok. 5467/14.

⁴ Dok. 5600/14 + COR 1 (fr) + REV 1 (sl) + REV 2 (hr).

⁵ Riżultat tal-vot dwar ir-rakkmandazzjoni A7-0269/2014.